MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 52/2004

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid jekk:

“Illi fis-sbatax (17) ta’ Jannar tas-sena elfejn u tlieta (2003) il-konvenut ordna minghand l-attur diversi parts ghal vettura tieghu (Dok. A.)

Illi hija dovuta lill-attur mill-konvenut is-somma ta’ mitejn u sebgha u hamsin lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm257.22).

Illi minkejja diversi interpellazjonijiet u minkejja diversi promessi l-hlas baqa’ ma sarx.

Illi qed jintalab li l-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas sew dan l-ammont flimkien ma’ l-imghax mis-17 ta’ Jannar 2003 sad-data tal-hlas effettiv u kif ukoll l-ispejjes ta’ dawn il-proceduri u dawk tal-ittra interpellatorja datata 7 ta’ Ottubru 2003 u tal-ittra ufficjali spedita f’Dicembru 2003.”

Ra r-risposta li tghid hekk:

“1. Illi preliminarjament, t-talbiet tal-attur huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u dan l’ghaliex l-esponenti qatt ma ordna parts ghall-karozza tieghu minghand l-attur izda minghand Philip Cilia li huwa l-agent tat-Toyota f’Malta.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont dovut lill-attur huwa biss ta’ sitt liri Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm6.67c) konsistenti fi *“clips”* ikkonsenjati lill-esponenti, peress li huma l-unika parts li l-esponenti xtara minghand l-attur.

3. Illi minghjar pregudizzju ghas-suespost , l-ahhar tlieta parts indikati fid-dokument “A” presentat mill-attur mal-avviz ma nxtrawx minghand l-attur izda minghand Philip Cilia. Barra minnhekk l-iskrizzjoni *“c/o Joe Camilleri – L-Agent”* giet inserita addizzjonalment wara l-iffirmar tal-istess skrittura kif jidher mill-fattura originali moghtija lill-esponenti minghand l-attur stess annessa bhala Dok “B”.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez.”

Sema' l-provi

Ikkunsidra

Illi l-fatti li taw lok ghal dik il-kawza jistghu jigu hekk issintetizzati:

Nhar il-Hadd, 12 ta' Jannar 2003 il-konvenut habat bil-vettura tieghu, assikurata mad-ditta assikuratrici Gasan & Mamo. Il-habta sehhet tort tal-konvenut. L-ghada, it-Tnejn 13 ta' Jannar 2003 l-konvenut mar ikellem lil Anton Azzopardi, agent tal-istess assikurazzjoni f'Ghawdex. L-ghada d-ditta assikuratrici bghatet is-surveyor li ccertifika li kellhom jinbidlu xi parts, liema parts dakinhar stess gew ordnati mill-konvenut minghand l-agent taghhom f'Malta Michael Debono Limited. Dawn il-parts gew akkreditati lill-attur, Carmel Azzopardi, sub-agent tal-agent Michael

Debono Limited.  Fis-17 ta' Jannar 2003 il-konvenut iffirma invoice rilaxxjata mill-attur ghar-rigward tal-istess parts, liema invoice kellha wkoll imnizzlin xi parts ohrajn ta' valur zghir (fol 4).  Il-konvenut irrifjuta li jhallas din l-invoice u ghalhekk l-attur fetah din il-kawza.

Anton Azzopardi u l-attur Carmel Azzopardi huma ahwa li s'April 2002 kienu joperaw bhala kumpannija wahda li kellha linji ta' operazzjonijiet differenti fis-sede taghha maghruf bhala Mayjo Centre fi Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Ghawdex.  Imbaghad qasmu n-negozju u Carmel Azzopardi beda jopera ghal rasu bhala bejjiegh tal-parts tal-vetturi minn 107 Triq l-Ewropa, Victoria Ghawdex.  Jidher li ghal xi zmien wara li qasmu baqghu joperaw mill-istess Mayjo Centre ghalkemm f'partijiet separati tal-istess kumpless.  Il-konvenut ipprova jaghti  l-impressjoni li  meta nqalghet it-tilwima dawn kienu ghadhom fl-istess bini u allura setghu tawh l-impressjoni li kienu ghadhom kumpannija wahda.  Anke l-istess attur donnu ma kienx cert minn dan.  Izda harsa lejn id-dokumenti esibiti, cioe' kemm l-invoice li bghatu ta' Michael Debono Limited lill-attur (Fol 88) kif ukoll l-invoice li rrilaxxja l-attur lill-konvenut jindikaw is-sede l-gdida ta' Triq l-Ewropa.  Ghalhekk kellu jkun ovvju ghall-konvenut li z-zewgt ahwa ma kellhom x'jaqsmu xejn ma' xulxin fiz-zmien tat-tilwima.

Jidher li l-konvenut kif ukoll Anton Azzopardi inizjalment kienu taht l-impressjoni li l-konvenut kien kopert b'assikurazzjoni comprehensive.  Skond il-verzjoni tal-konvenut, huwa mar ghand Anton Azzopardi; kien hemm prezenti wkoll bint l-istess Azzopardi, dawn ghamlu l-verifiki mad-ditta assikuratrici Gasan & Mamo u qalulu li l-assikurazzjoni kienet comprehensive (fol 49).  Anton Azzopardi jaghti verzjoni differenti:  jghid li kien il-konvenut innifsu li stqarrlu li kien assikurat b'dan il-mod (fol 38).  Wara li tqabbad is-surveyor u gew ordnati l-parts minghand Michael Debono Limited, Anton Azzopardi induna bl-izball u nforma lill-konvenut.

Skond il-konvenut, meta huwa mar personalment jigbor il-parts minghand Michael Debono Limited, huwa qalilhom li

kienet qed tornahom id-ditta assikuratrici, u dawn, wara li ghamlu telefonata, tawh il-parts bla ma talbuh ihallas. Jghid li huwa ma ffirma xejn (fol 65). Fil-fatt jirrizulta li huwa ffirma (ara dokument esibit a fol 88).

Huwa jghid (fol 49) li qalulu li kellmu lil Anton Azzopardi. Fil-fatt it-telefonata ma saritx lil Anton Azzopardi, imma saret lill-attur, Carmel Azzopardi, ma kien jaf b'xejn dwar x'kien qieghed jigri. Huwa assuma li l-konvenut - li kien jafu - kien inqabad Malta minghajr flus, peress li Michael Debono Limited ma tbieghx on credit u allura dahal responsabbli ghall-bejgh, inluz il-hlas hu, s'intendi anke biex jiehu l-commission.

Id-difiza ewlenija fir-risposta tal-konvenut ghall-avviz tat-talba hi li huwa m'ordnax il-parts minghand l-attur, imma minghand l-agent f'Malta, u li ghalhekk ma holoq l-ebda relazzjoni guridika mal-attur. Kontra din l-asserzjoni hemm l-invoice rilaxxjata mill-attur u ffirmata mill-konvenut (fol 10). Il-konvenut qal li ffirma bla ma qraha, ghax haseb li kien qieghed jiffirma ghal xi parts ohrajn. Huwa qal ukoll li meta jixtri l-parts minghand l-agent f'Malta, dejjem jaqra sewwa qabel jiffirma mhux naqbad u nixtri u niffirma malajr (fol 61). Ghalhekk huwa difficli li dan it-Tribunal jemmen li l-konvenut iffirma bla ma qara. Barra minn hekk, il-kitba fuq l-invoice hija cara daqs il-kristall; u fiha biss sitt partiti li facilment wiehed jista' jarahom b'semplici daqqa t'ghajn hafifa. Anke kieku kellha tigi accettata l-verzjoni tal-konvenut, li wiehed ma jaqrax dak li jkun qieghed jiffirma ghalih mhux wiehed mill-eccezzjonijiet ghall-principju li contra scriptum testimonium non scriptum non fertur - similment, gie deciz b'awtorita' li mhux skuza li parti ma tkunx tat kaz meta n-nutar kien qieghed jaqra l-kuntratt - Lawrence Farrugia vs Fidela Carabott - 28 ta' Jannar 2004, Prim'Awla, ippreseduta mill-Onor. Imhallef Philip Sciberras.

Anke kieku, ghall-grazzja tal-argument, kellu jigi accettat li l-konvenut ma kkuntrattax mal-attur, jirrizulta li l-konvenut uza l-parts minnu mixtrija, ghal liema parts hallas l-attur. L-izball rigward il-mod kif kien assikurat il-konvenut, kien ta' min kien, certament ma jistax jigi attribwit lill-attur.

Ghalhekk f'din l-ipotesi, hemm kwazi-kuntratt u jekk il-konvenut ma jhallasx lill-attur, ikun hemm da parti tieghu arrikkiment ingust.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talba tal-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' LM257.22 prezz ta' diversi parts lilu mibjugha u kkunsinnati b'dan li l-imghax jiddekorri biss mid-data ta' din id-decizjoni u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-7 t'Ottubru 2003 u tal-ittra ufficjali ta' Dicembru 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------